



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2020/0183/F (France)

Digriet dwar l-identifikazzjoni tar-roti, adottat skont l-Artikoli L. 1271-2 sa L. 1271-5 tal-Kodiċi tat-Trasport

Data tal-wasla : 01/04/2020

Tmiem tal-Waqfien : 02/07/2020 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2020) 01145

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2020/0183/F

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 202001145.MT)

1. MSG 002 IND 2020 0183 F MT 01-04-2020 F NOTIF

2. F

3A. Direction générale des entreprises – SQUALPI – Bât. Sieyès -Teledoc 151 – 61, Bd Vincent Auriol - 75703 PARIS Cedex 13

d9834.france@finances.gouv.fr

tél : 01 44 97 24 55

3B. MTES / DGITM/ Coordination interministérielle pour le développement de l'usage du vélo

Tour Sequoia

92055 LA DEFENSE Cedex

Tél : 01 40 81 73 25

4. 2020/0183/F - X00M

5. Digriet dwar l-identifikazzjoni tar-roti, adottat skont l-Artikoli L. 1271-2 sa L. 1271-5 tal-Kodiċi tat-Trasport

6. Roti u roti b'assistenza fil-pedali

7. -id-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern

-obbligu li jiġu pprovduti servizzi speċifiċi oħra

-L-Artikolu 1 tad-Digriet li jistabbilixxi l-Artikolu R. 1271-10 tal-Kodiċi tat-Trasport, notifikat skont l-Artikolu 15 tal-paragrafu 2(d) tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern.

8. L-Abbozz tad-digriet meħmuż huwa adottat skont l-Artikoli L. 1271-2 sa L. 1271-5 tal-Kodiċi tat-Trasport. L-Artikoli tiegħu jipprevedu l-ħolqien ta' fajl nazzjonali waħdieni tar-roti indentifikati kif ukoll l-obbligu tan-negozjanti li jbigħu r-roti



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

b'identifikatur uniku. Dan l-obbligu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 għar-roti l-ġodda u fl-1 ta' Lulju 2021 għar-roti użati.

L-Abbozz tad-digriet jispeċifika l-obbligu indirizzat lin-negozjanti kif ukoll lill-professionisti li jwettqu dawn l-attivitajiet ta' qerda jew ta' preparazzjoni għall-użu mill-ġdid jew għall-użu mill-ġdid tar-roti. Jipprevedi wkoll il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni mill-Istat tal-persuni ġuridiċi li x'aktarx jimplimentaw id-dispożizzjonijiet għall-identifikazzjoni tar-roti.

9. Ħtieġa li jiġi adottat l-abbozz tad-dispożizzjonijiet regolatorji:

L-Abbozz tad-digriet jittieħed skont l-Artikolu L. 1271-5 tal-Kodiċi tat-Trasport.

Ir-rieda tal-Gvern hija li jinkoraġġixxi l-użu tar-rota u li jittripla s-sehem modali tagħha fl-ivvjaġġar bir-rota. L-għan tal-miżura huwa l-ġlieda kontra s-serq li huwa wieħed mill-ostakoli prinċipali rikonoxxut fl-użu tar-rota. Il-Ministru għall-Intern iqis li kull sena, madwar 300 000 ta' residenti jisfaw vittma ta' serq tar-roti mid-djar tagħhom. Wara serqa, il-vittmi għandhom it-tendenza li ma jerġgħux jixtru rota jew inkella jixtru rota oħra li ma tkunx ta' kwalità. Huma ħafna aktar involuti r-roti elettriċi li jiswew aktar. Illum il-ġurnata, huma biss 7 % tar-residenti li jisfaw vittma ta' serq tar-roti mid-djar tagħhom li jirnexxilhom jerġgħu jsibu r-rota tagħhom.

Għall-ġlieda b'mod effiċjenti kontra s-serq, il-ħabi u l-bejgħ illeċitu tar-roti, jinħtieġ li tinħoloq sistema obligatorja għall-identifikazzjoni tar-roti jew tar-roti elettriċi assoċjati ma' fajl tas-sidien ibbażata fuq il-mudell ta' apparat simili li jintuża fid-Danimarka. Dan il-fajl waħdieni ta' identifikazzjoni tar-roti jippermetti li s-sid jiġi kkuntattjat jekk il-pulizija jew servizz ta' oġġetti misjuba jirkupraw rota identifikata. Barra minn hekk, f'każ ta' xiri ta' rota użata bejn individwi, ix-xerrej jista' jivverifika jekk ir-rota kinitx misruqa.

L-obbligu biex in-negozjanti jidentifikaw ir-roti qabel il-bejgħ, jippermetti li tintlaħaq massa kritika u tinħoloq sistema effiċjenti. L-identifikazzjoni tar-roti fuq bażi volontarja, li ilha teżisti fi Franza sa mill-2004, qatt ma għamlitha possibbli li tiġi stabbilita sistema ġeneralizzata biżżejjed. Xi mijiet ta' eluf ta' roti kienu mmarkati għal flotta ta' madwar 30 miljun rota. Bl-obbligu l-ġdid, madwar 1.5 miljun rota se jiġu identifikati kull sena.

Il-proporzjonalità tal-abbozz tad-dispożizzjonijiet regolatorji

Id-dispożizzjoni regolatorja hija proporzjonata sa fejn l-obbligu impost fuq in-negozjanti huwa bbażat fuq żewġ azzjonijiet mhux restrittivi u ta' spiża baxxa: billi jwaħħal identifikatur fuq il-qafas tar-roti (bħala regola ġenerali permezz ta' inċiżjoni jew twaħħil ta' stiker) u billi l-identifikatur tar-rota, is-sid tagħha u l-mezzi tal-kuntatt tiegħu jiddaħħlu fuq il-bażi tad-data.

Għalhekk huwa suffiċjenti li n-negozjant jinvolvi ruħu bil-quddiem ma' operatur awtorizzat wieħed jew aktar li, minn naħa waħda, jipproponu proċess tekniku għat-twaħħil ta' identifikatur u min-naħa l-oħra jimmaniġġjaw bażi ta' data tar-roti u tas-sidien tagħhom. Il-bażijiet ta' data implimentati mill-operaturi approvati jipprovdu l-fajl waħdieni tal-identifikazzjoni tar-roti.

In-natura mhux diskriminatorja tal-abbozz tad-dispożizzjonijiet regolatorji

Id-dispożizzjoni regolatorja mhijiex adiskriminatorj, sakemm l-obbligu huwa impost fuq in-negozjanti u mhux fuq il-manifatturi tar-roti. Barra minn hekk, ir-roti mhux mibjugħa fi Franza bl-istess mod bħal dawk li jinsabu diġà fis-servizz, mhumix affettwati mill-obbligu tal-identifikazzjoni. Madankollu, is-sidien ta' dawn ir-roti se jkunu mistiedna biex jidentifikaw ir-rota tagħhom sabiex jibbenifikaw mill-vantaġġ assoċjat.

10. Referenzi għat-testi ta' referenza: L-Artikoli L. 1271-2 sa 5 tal-Kodiċi tat-Trasport

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

16. Aspett OTK

Le - L-abbozz mhuwiex regolament tekniku jew valutazzjoni tal-konformità

Aspett SPS

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu